# Linji Gwida

**dwar is-sottomissjoni ta' informazzjoni perjodika lill-ESMA minn Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu – it-Tieni Edizzjoni**

07/04/2021| ESMA33-9-295

# Werrej

Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet ....2
1 Kamp ta' applikazzjoni....3
2 Referenzi Leġiżlattivi, Taqsiriet u definizzjonijiet....3
3 Għan ....4
4 Obbligi ta' konformità u ta' rapportar....4
5 Linji Gwida dwar Informazzjoni Perjodika ....4
5.1 Assenjazzjoni ta' Rapportar....5
5.2 Perjodi ta' Rapportar u Skadenzi għas-Sottomissjoni ....5
5.3 Informazzjoni li għandha tkun inkluża fis-Sottomissjonijiet Perjodiċi ....5
5.4 Kalendarji ta' Rapportar....20
5.5 Mudelli ta' Rapportar ....20

# Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet

| | |
|---|---|
| CP | Dokument ta' Konsultazzjoni |
| CRA | Aġenzija tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu |
| Ir-Regolament CRA jew is-CRAR | Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 513/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011, id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011, ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013, u d-Direttiva 2014/51/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 |
| Regolament ta' Delega dwar it-Tariffi | Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni Ewropea (2015/1) tat-30 ta' Settembru 2014 li jissupplimenta s-CRAR fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għar-rappurtar perjodiku dwar it-tariffi imposti mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għall-fini ta' superviżjoni kontinwa mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |
| Regolament ta' Delega dwar il-metodoloġiji | Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta lis-CRAR billi jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji għall-valutazzjoni tal-konformità tal-metodoloġiji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. |
| CRA tal-UE | Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrata mal-ESMA |
| ESMA | L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |
| Regolament tal-ESMA | Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE |
| FTE | Ekwivalenti għall-Full-Time |
| INED | Direttur Indipendenti Mhux Eżekuttiv |
| NCA | Awtorità Nazzjonali Kompetenti |
| Il-Linji Gwida tal-2015 | Linji Gwida dwar informazzjoni perjodika li għandha tiġi sottomessa lill-ESMA mill-Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu (ESMA/2015/609) ta' Ġunju 2015 |

# 1 Kamp ta' applikazzjoni

Min?

1. Dawn il-Linji Gwida japplikaw għall-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (CRAs) irreġistrati fl-UE. Dawn il-Linji Gwida ma japplikawx għas-CRAs iċċertifikati.

Xiex?

2. Dawn il-Linji Gwida se jiġu ppubblikati fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Wara t-traduzzjoni tal-linji gwida fl-Anness 1 fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, it-testi finali jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-ESMA.

Meta?

3. Il-linji gwida se jidħlu fis-seħħ xahrejn wara l-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

# 2 Referenzi Leġiżlattivi, Taqsiriet u definizzjonijiet

**Referenzi Leġiżlattivi**

| | |
|---|---|
| *Ir-Regolament CRA* | Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 513/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011, id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011, ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013, u d-Direttiva 2014/51/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 |

**Taqsiriet**

| | |
|---|---|
| *CRA tal-UE* | Aġenzija tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu rreġistrata mal-ESMA |
| *CP* | Dokument ta' Konsultazzjoni |
| *ESMA* | L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |
| *UE* | Unjoni Ewropea |
| *FTE* | Ekwivalenti għall-Full-Time |
| *INED* | Direttur Indipendenti Mhux Eżekuttiv |

# 3 Għan

4. Il-Linji Gwida jistabbilixxu l-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa mis-CRAs biex tiġi permessa s-superviżjoni kontinwa mill-ESMA tas-CRAs fuq bażi konsistenti. Il-Linji Gwida jikkjarifikaw ukoll l-aspettattivi tal-ESMA rigward l-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa lill-ESMA għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji u s-sehem mis-suq tas-CRAs.

# 4 Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

5. Dan id-dokument jinkludi l-linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-ESMA. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.

6. Jekk l-ESMA tidentifika ħtieġa li jiġi rivedut il-mudell ta' rapportar wara l-introduzzjoni tal-Linji Gwida, dan se jsir b'wieħed minn dawn iż-żewġ modi:

(i) Meta emenda tkun limitata għal bidla mhux materjali (bħalma huma ż-żieda, it-tneħħija jew il-modifika ta' qasam eżistenti biex tiġi ċċarata l-informazzjoni li trid tingħata) f'Mudell ta' Rapportar eżistenti, l-ESMA se taġġorna dak il-Mudell ta' Rapportar u tirrevedi l-Linji Gwida biex jirriflettu l-aġġornament tagħha, filwaqt li tiġbed l-attenzjoni tas-CRAs għall-bidla.

(ii) Meta emenda ma tkunx limitata għal bidliet mhux materjali fi ħdan mudell eżistenti u tinkludi emendi għal kwalunkwe struzzjoni ta' rapportar applikabbli, l-ESMA se tikkonsulta dwar dawn il-bidliet kif tagħmel is-soltu u se taġġorna l-Linji Gwida kif meħtieġ.

# 5 Linji Gwida dwar Informazzjoni Perjodika

7. Il-Linji Gwida dwar ir-rapportar perjodiku huma maqsuma f'ħames partijiet:

**Taqsima 5.1 – Assenjazzjoni ta' Rapportar.** Din it-taqsima tiddeskrivi kif is-CRAs huma assenjati Kalendarji ta' rapportar differenti mill-ESMA għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida.

**Taqsima 5.2 – Perjodi ta' Rapportar u Skadenzi għas-Sottomissjoni.** Din it-taqsima tispjega l-perjodi ta' rapportar u l-iskadenzi għas-sottomissjoni differenti li japplikaw għall-kalendarji ta' rapportar differenti.

**Taqsima 5.3 – Informazzjoni li għandha tiġi sottomessa lill-ESMA.** Din it-taqsima tispjega l-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata mis-CRAs lill-ESMA. Hija maqsuma fi tliet

sottotaqsimiet 5.3.1 Prinċipji Ġenerali, 5.3.2 Rapportar Skedat u 5.3.3 Hekk Kif Tirrapporta.

**Taqsima 5.4 – Kalendarji ta' Rapportar.** Din it-taqsima tinkludi l-kalendarji ta' rapportar għall-kategoriji "Kalendarju A" u "Kalendarju B".

**Taqsima 5.5 – Mudelli ta' Rapportar.** Din it-taqsima tinkludi l-mudelli ta' rapportar li għandhom jintużaw mis-CRAs.

## 5.1 Assenjazzjoni ta' Rapportar

8. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, kull CRA se tiġi assenjata kalendarju ta' rapportar ibbażat fuq il-valutazzjoni superviżorja interna tal-ESMA. Se jkun hemm żewġ kalendarji ta' rapportar "Kalendarju A" u "Kalendarju B". Is-CRAs se jiġu infurmati bil-kalendarju ta' rapportar applikabbli permezz ta' korrispondenza formali. Sakemm bidla ma tkunn ikkomunikata mill-ESMA bl-istess mod bħan-notifika inizjali, is-CRAs għandhom jassumu li ma jkun hemm l-ebda bidla fil-kalendarju ta' rapportar tagħhom.

## 5.2 Perjodi ta' Rapportar u Skadenzi għas-Sottomissjoni

9. Is-CRAs għandhom jissottomettu lill-ESMA informazzjoni fuq bażi trimestrali, semi-annwali, annwali, bi-annwali jew ad-hoc skont wieħed miż-żewġ kalendarji. Il-perjodi ta' rapportar u l-iskadenzi applikabbli għal kull kalendarju ta' rapportar huma stabbiliti fit-Tabella 1. Għal rapportar skedat, is-CRAs għandhom jissottomettu l-informazzjoni fi żmien xahar wara t-tmiem tal-perjodu ta' rapportar ikkonċernat (skadenza għas-sottomissjoni). Filwaqt li għal rapportar Ad-Hoc, din għandha tkun fuq bażi kemm jista' jkun malajr.

## 5.3 Informazzjoni li għandha tkun inkluża fis-Sottomissjonijiet Perjodiċi

### 5.3.1 Prinċipji Ġenerali ta' Rapportar

10. Fejn id-dokumenti jiġu sottomessi f'lingwa li mhijiex l-Ingliż, dawn id-dokumenti għandhom ikunu f'format li jippermetti traduzzjoni awtomatika. Sabiex jiġi żgurat li dan ikun possibbli, is-CRAs għandhom jippreżentaw tali dokumenti f'format .pdf, jew jekk le, f'format miftuħ li jista' jinqara mill-magni[1].

---

[1] L-informazzjoni għandha titqies li tista' tinqara mill-magni biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
(a) tkun f'format elettroniku mfassal biex jinqara b'mod dirett u awtomatiku minn kompjuter. Il-format elettroniku għandu jiġi speċifikat permezz ta' standards bla ħlas, mhux proprjetarji u miftuħa. Il-format elettroniku għandu jinkludi t-tip ta' fajls jew messaġġi, ir-regoli biex jidentifikawhom, u l-isem u t-tip ta' *data* tal-oqsma li fihom;
(b) tkun maħżuna f'arkitettura tal-IT li tippermetti aċċess awtomatiku;
(c) tkun robusta biżżejjed biex tiżgura l-kontinwità u r-regolarità fil-prestazzjoni tas-servizzi pprovduti u tiżgura aċċess adegwat f'termini ta' veloċità;
(d) tkun tista' tiġi aċċessata, tinqara, tintuża u tiġi kkupjata minn softwer tal-kompjuter mingħajr ħlas u disponibbli pubblikament.

TABELLA 1: FREKWENZI TA' RAPPORTAR U SKADENZI TA' SOTTOMISSJONI

| Kalendarju ta' Rapportar | Frekwenza ta' Rapportar | Perjodu ta' Rapportar | Skadenza/skadenzi għas-sottomissjoni |
|---|---|---|---|
| Kalendarju A | Annwali | Sena sat-30 ta' Ġunju<br><br>jew<br><br>Sena sal-31 ta' Diċembru | il-31 ta' Lulju[2]<br><br><br><br>il-31 ta' Jannar[3] |
| Kalendarju A | Semi-Annwali | 6 xhur sat-30 ta' Ġunju<br><br>6 xhur sal-31 ta' Diċembru | il-31 ta' Lulju<br><br>il-31 ta' Jannar |
| Kalendarju A | Trimestrali | il-31 ta' Marzu, it-30 ta' Ġunju, it-30 ta' Settembru, il-31 ta' Diċembru | it-30 ta' April, il-31 ta' Lulju, il-31 ta' Ottubru, il-31 ta' Jannar |
| Kalendarju B | Bi-annwali | Sentejn sat-30 ta' Ġunju<br><br>jew<br><br>Sentejn sal-31 ta' Diċembru | il-31 ta' Lulju<br><br><br><br>il-31 ta' Jannar |
| Kalendarju B | Annwali | Sena sat-30 ta' Ġunju<br><br>jew<br><br>Sena sal-31 ta' Diċembru | il-31 ta' Lulju[4]<br><br><br><br>il-31 ta' Jannar |

11. Fir-rigward tat-trażmissjoni ta' fajls, kull dokument taħt kull entrata ta' rapportar u kull mudell ta' rapportar għandu jiġi trażmess skont l-istruzzjonijiet fl-Anness II.

[2] Bl-eċċezzjoni tal-Mudell għall-Ispejjeż u d-Dħul li għandu jiġi rrapportat fuq il-bażi tas-sena finanzjarja preċedenti sal-31 ta' Mejju.
[3] Skont l-entrata xi wħud mill-entrati ta' rapportar annwali taħt il-Kalendarju A għandhom jiġu pprovduti sal-31 ta' Jannar. Dawn ġeneralment huma dawk l-entrati ta' rapportar li joriġinaw minn strutturi ta' rapportar ta' kontroll intern ta' CRA stess, li jitħejjew f'ċiklu ta' sena kalendarja u li għalihom data ta' rapportar tal-31 ta' Lulju ma tkunx adatta. Jekk dawn id-dokumenti jinbidlu bejn is-sottomissjoni tagħhom f'Jannar u l-31 ta' Lulju ta' dik is-sena, id-dokument aġġornat għandu jiġi nnotifikat lill-ESMA sal-31 ta' Lulju.
[4] Bl-eċċezzjoni tal-Mudell għall-Ispejjeż u d-Dħul li għandu jiġi rrapportat fuq il-bażi tas-sena finanzjarja preċedenti sal-31 ta' Mejju.

## 5.3.2 Rapportar Skedat

12. Ir-rapportar ta' kull entrata taħt din l-intestatura għandu jsir skont il-Kalendarji ta' Rapportar Skedati pprovduti fit-taqsima 5.4 ta' dawn il-Linji Gwida.

### 5.3.2.1 Dokumenti tal-Bord u Governanza Interna

**Entrata 1 - Dokumenti tal-Bord**

13. Għar-rapportar taħt din l-entrata, is-CRAs għandhom jissottomettu dan li ġej:

- Il-minuti tal-laqgħat tal-Bord tagħhom;
- Kopja tad-dokumenti mibgħuta lill-maniġment u lill-membri tal-bord superviżorju qabel il-laqgħat tal-bord rispettivi tagħhom, kif ukoll dokumenti addizzjonali diskussi fil-laqgħa (pereżempju rapporti magħmula mill-Konformità, ir-Riskju tal-Verifika Interna, il-funzjoni tar-rapporti ta' rieżami intern, il-funzjoni tas-sigurtà u r-riskju tal-informazzjoni, eċċ.);
- Meta tingħata l-opinjoni ta' direttur mhux eżekuttiv indipendenti (INED) f'dokument awtonomu, is-CRAs għandhom jissottomettu kwalunkwe opinjoni ppreżentata mill-INED(s) tas-CRA skont il-punt 2 tat-Taqsima A tal-Anness I għar-Regolament CRA u r-rapporti kollha (inklużi rapporti ta' segwitu) maħruġa minn direttur indipendenti.

**Entrata 2 - Kwestjonarju tal-INED**

14. Flimkien ma' kwalunkwe Opinjoni tal-INED sottomessa bħala parti minn sett ta' Dokumenti tal-Bord (entrata 1), is-CRAs għandhom jipprovdu l-Mudell 1 [Kwestjonarju tal-INED] li jistabbilixxi l-opinjoni tal-INED tiegħu fir-rigward tal-punti li ġejjin:

- l-iżvilupp tal-politika tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u tal-metodoloġiji użati mis-CRA fl-attivitajiet tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tagħha;
- l-effettività tas-sistema ta' kontroll tal-kwalità interna tas-CRA fir-rigward ta' attivitajiet tal-klassifikazzjoni tal-kreditu;
- l-effettività tal-miżuri u l-proċeduri mibdija biex jiġi żgurat li kwalunkwe kunflitt ta' interess jiġi identifikati, eliminat jew ġestit u żvelat; u,
- il-proċessi ta' konformità u ta' governanza, inkluża l-effiċjenza tal-funzjoni ta' rieżami msemmija fil-punt 9 ta' din it-Taqsima A tal-Anness I għar-Regolament CRA.

15. Għas-CRAs li qed jirrappurtaw taħt il-Kalendarju B, il-Kwestjonarju tal-INED għandu jiġi pprovdut kull tieni sena.

**Entrata 3 - Organigrammi**

16. Is-CRAs għandhom jissottomettu l-organigrammi interni tagħhom lill-ESMA. L-informazzjoni inkluża fl-organigrammi għandha tinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-tabella ta' hawn taħt.

| Kategorija | Funzjoni/Funzjonijiet | Kopertura | Ġeografija |
|---|---|---|---|
| Maniġment | Il-Membri tal-Bord (inklużi l-INEDs) | Il-Persunal Kollu | UE |
| | Membri tal-Kumitat Eżekuttiv | Il-Persunal Kollu | UE |
| | Maniġment Superjuri | Il-Persunal Kollu | UE |
| Funzjoni/Funzjonijiet Analitika/Analitiċi | Ġestjoni Analitika | L-Aħħar Maniġer | UE |
| | Ġestjoni ta' Appoġġ Analitiku (Ġestjoni tad-*Data*) | L-Aħħar Maniġer | UE |
| | Kontroll "In-business" | Il-Persunal Kollu | UE |
| L-iżvilupp u r-rieżami tal-metodoloġija | Metodoloġija / kriterji / żvilupp tal-mudell | Il-Persunal Kollu | UE |
| | Metodoloġija / kriterji / approvazzjoni tal-mudell | Il-Persunal Kollu | UE |
| | Metodoloġija / kriterji / rieżami tal-mudell / validazzjoni | Il-Persunal Kollu | UE |
| Funzjonijiet ta' Kontroll | Konformità (it-timijiet kollha) | Il-Persunal Kollu | Globali |
| | Ġestjoni tar-Riskju | Il-Persunal Kollu | Globali |
| | Sigurtà tal-Informazzjoni | Il-Persunal Kollu | Globali |
| | Verifika Interna | Il-Persunal Kollu | Globali |
| | Funzjonijiet Oħrajn ta' Kontroll Intern | Il-Persunal Kollu | Globali |
| Funzjonijiet ta' Appoġġ | It-teknoloġija tal-informazzjoni | L-Aħħar Maniġer | UE |
| | Riżorsi umani | L-Aħħar Maniġer | UE |
| | Finanzjament | L-Aħħar Maniġer | UE |
| | Persunal kummerċjali u maniġers ta' relazzjonijiet ta' negozju | L-Aħħar Maniġer | UE |
| | Legali | L-Aħħar Maniġer | UE |

17. Fir-rigward tat-taqsima "Funzjoni/Funzjonijiet" kull pożizzjoni fl-organigrammi għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- Isem;
- Rwol;
- Post (pajjiż);
- Anzjanità (rwol maniġerjali/mhux maniġerjali, skont il-gradi speċifiċi għas-CRA);
- Linja ta' rapportar bil-Funzjoni u l-Isem (Jekk impjegat jirrapporta barra mill-UE, jekk jogħġbok ipprovdi l-linja ta' rapportar globali).

18. Fir-rigward tat-taqsima "Kopertura":

- "L-aħħar maniġer" tfisser li l-organigramma għandha tinkludi l-ġerarkija sħiħa sal-aħħar pożizzjoni maniġerjali (jiġifieri ma jistax jiġi rrapportat persunal mingħajr ebda xogħol maniġerjali);
- "Il-Persunal Kollu" tfisser li l-organigramma għandha tinkludi l-impjegati kollha allokati għal funzjoni.

19. Fir-rigward tat-taqsima "Ġeografija":

- "Globali" tfisser li l-organigramma għandha tinkludi persunal mir-reġjuni kollha;
- "UE" tfisser li l-organigramma għandha tinkludi biss persunal mill-UE. F'każ li impjegat jirrapporta barra mir-reġjun, il-linja ta' rapportar globali għandha tiġi pprovduta.

**Entrata 4 - Litigazzjoni**

20. Is-CRAs għandhom jissottomettu lill-ESMA informazzjoni dwar kwalunkwe azzjoni legali eżistenti, ġdida jew potenzjali li saret jew li s-CRA taf li tista' tittieħed kontra l-grupp fuq livell Globali.

21. L-ESMA tistenna li tirċievi deskrizzjoni fil-qosor ta', u informazzjoni aġġornata dwar proċeduri tal-qorti pendenti u attwali, proċeduri ta' arbitraġġ u kwalunkwe forma ta' proċedura vinkolanti ta' riżoluzzjoni ta' tilwim li kienu fis-seħħ matul il-perjodu ta' rapportar, u li jista' jkollhom impatt ħażin fuq il-kontinwità jew il-kwalità tal-klassifikazzjonijiet u/jew ikollhom impatt materjali fuq il-pożizzjoni finanzjarja ta' CRA. Din id-deskrizzjoni għandha tinkludi sommarju tal-proċeduri u tal-eżitu potenzjali tal-proċeduri f'termini ta' responsabbiltà.

**Entrata 5 - Kunflitti ta' Interess Ġodda u Potenzjali**

22. Is-CRAs għandhom jissottomettu l-Mudell 2a [Kunflitti ta' Interess] li fihom għandhom jinkludu kwalunkwe bidla matul il-perjodu ta' rapportar għall-kunflitti ta' interess eżistenti jew potenzjali li ġew innotifikati lill-ESMA matul il-proċess ta' reġistrazzjoni tas-CRAs.

### 5.3.2.2 Klassifikazzjonijiet u Metodoloġiji

**Entrata 6 - Rieżami Annwali tal-Klassifikazzjonijiet ta' Kreditu**

23. Is-CRAs għandhom jissottomettu l-Mudell 3 [Klassifikazzjonijiet annwali tar-rieżami] li fihom għandhom jipprovdu informazzjoni dwar jekk tkunx lestiet rieżami annwali tal-klassifikazzjonijiet ta' kreditu kollha attwalment maħruġa u jipprovdu dettalji fejn tkun seħħet kwalunkwe devjazzjoni.

**Entrata 7 - Rieżami semi-annwali tal-Klassifikazzjonijiet Sovrani**

24. Is-CRAs għandhom jissottomettu l-Mudell 4 [Rieżami semi-annwali tal-kassifikazzjonijiet SOV] sabiex jipprovdu lill-ESMA informazzjoni dwar it-tlestija tar-rieżami semi-annwali tal-klassifikazzjonijiet sovrani.

**Entrata 8 - Rieżami Annwali tal-Metodoloġiji**

25. Is-CRAs għandhom jissottomettu l-Mudell 5 [Metodoloġiji ta' rieżami annwali] li fihom għandhom jipprovdu informazzjoni dwar jekk wettqitx rieżami annwali għal kull metodoloġija applikabbli fl-UE u jipprovdu dettalji fejn tkun seħħet kwalunkwe devjazzjoni.

**Entrata 9 – Sejbien ta' riżorsi: Analisti u Klassifikazzjonijiet ta' Kreditu**

26. Is-CRAs għandhom jissottomettu l-Mudell 6 [L-ippjanar tar-riżorsi AF] li fih għandhom jindikaw għal kull linja tan-negozju l-għadd ta' analisti impjegati mis-CRA flimkien mal-għadd tal-klassifikazzjonijiet ta' kreditu li huma responsabbli minnhom. Dan għandu jiġi kkompletat fil-livell tal-grupp tas-CRAs tal-UE.

**Entrata 10 – Sejbien ta' riżorsi: Metodoloġiji u Mudelli**

27. Is-CRAs għandhom jissottomettu l-Mudell 7 [L-ippjanar tar-riżorsi tal-IRF] li fih għandhom jindikaw l-għadd ta' persunal assenjat għar-rieżami jew għall-validazzjoni tal-metodoloġiji u tal-mudelli tas-CRA. Dan għandu jiġi kkompletat fil-livell globali tas-CRA.

**Entrata 11 - Raġunijiet Oġġettivi**

28. Is-CRAs għandhom jissottomettu l-Mudell 8 [Raġunijiet oġġettivi] li fih għandhom jipprovdu deskrizzjoni tar-raġunijiet oġġettivi għall-elaborazzjoni ta' kwalunkwe klassifikazzjoni ta' kreditu dwar l-entitajiet jew l-istrumenti tal-UE mis-CRA barra l-UE[5].

## 5.3.1.3 Kontroll Intern

29. Kull CRA għandha tissottometti r-rapporti tagħha ta' Konformità, Verifika Interna u Ġestjoni tar-Riskju lill-ESMA skont l-ispeċifikazzjonijiet deskritti f'din it-taqsima u għall-kategorizzazzjoni tagħha ta' rapportar.

**Entrata 12 - Pjan ta' Ħidma ta' Konformità**

30. Is-CRAs għandhom jissottomettu kopja tal-Pjan ta' Ħidma ta' Konformità tagħhom lill-ESMA.

**Entrata 13 - Pjan ta' Ħidma ta' Verifika Interna**

31. Fejn CRA tkun stabbilixxiet funzjoni ta' Verifika Interna jew ikkummissjonat verifiki interni minn parti esterna, CRA għandha tissottometti kopja tal-pjan ta' ħidma ta' Verifika Interna annwali tagħha. Dan id-dokument għandu jiġi rrappurtat fuq bażi individwali, flimkien ma' fejn seta' ġie inkluż bħala parti minn kwalunkwe Pakkett ta' Bord.

[5] L-ESMA tiddetermina l-post ta' entità jew ta' strument għall-finijiet ta' din l-entrata skont l-RTS fuq il-Pjattaforma Ewropea tal-Klassifikazzjoni. Kif deskritt fin-nota 16 f'qiegħ il-paġna tal-Linji Gwida tal-ESMA ta' Novembru 2017 dwar l-applikazzjoni tar-reġim ta' approvazzjoni tas-CRA "Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, il-pajjiż ta' entità jew l-istrument finanzjarju jsegwi l-Artikoli 4-6 kif ukoll il-Kaxxa 10 tat-Tabella 1 tal-Parti 2 tal-Anness I għar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni 2015/2 tat-30 ta' Settembru 2014 fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għas-sottomissjoni tal-informazzjoni li s-CRAs għandhom jagħmlu disponibbli għall-ESMA

**Entrata 14 - Valutazzjonijiet tal-Konformità, Valutazzjonijiet tar-riskju u Rapporti ta' Verifika Interna**

32. Is-CRAs għandhom jissottomettu lill-ESMA kopji ta' kwalunkwe rapport intern jew valutazzjoni mwettqa mill-Funzjoni ta' Konformità jew ta' Ġestjoni tar-Riskju matul il-perjodu ta' rapportar jew meta mitluba mill-ESMA.

33. Fejn CRA tkun stabbilixxiet funzjoni ta' Verifika Interna jew ikkummissjonat verifiki interni minn parti esterna, l-ESMA tistenna li tirċievi kopja tal-valutazzjoni tal-Verifika Interna jew rapporti li jkunu ġew prodotti matul il-perjodu ta' rapportar

**Linja Gwida 15 – Monitoraġġ tal-Kontroll Intern: Valutazzjonijiet**

34. Is-CRAs għandhom jissottomettu l-Mudell 9 [IC_CM u Ħarsa Ġenerali lejn l-IA] biex jipprovdu informazzjoni dwar il-valutazzjonijiet tagħhom tal-adegwatezza u l-effettività tas-sistemi tagħhom, il-mekkaniżmi ta' kontroll intern u l-arranġamenti stabbiliti biex jiżguraw il-konformità mar-Regolament CRA.

35. Il-mudell għandu jiġi kkompletat fir-rigward ta' valutazzjonijiet ta' kontroll intern li ġew kkompletati matul il-perjodu ta' rapportar, jew li ġew miftuħa mill-ESMA jew mill-funzjonijiet ta' kontroll intern tas-CRA (eż. il-konformità, il-ġestjoni tar-riskju, il-kontroll intern, il-verifika interna, is-sigurtà tal-informazzjoni), kif ukoll kwalunkwe azzjoni ta' rimedju li ġiet implimentata wara valutazzjoni kkompletata.

**Entrata 16 - Attestazzjoni dwar il-Kontrolli Interni**

36. Fejn korp governattiv tas-CRA jattesta l-effettività tal-ambjent ta' kontroll intern tiegħu u, fejn dan ma jkunx f'kunflitt ma' kwalunkwe obbligu ta' kunfidenzjalità lil korpi superviżorji oħrajn, is-CRAs għandhom jissottomettu kopja tal-attestazzjoni.

**Entrata 17 - Pjan tal-Kontinwità tan-Negozju / Pjan ta' Rkupru minn Diżastri**

37. Is-CRAs għandhom jissottomettu kopja tal-Pjan tal-Kontinwità tan-Negozju tagħhom, ir-riżultati ta' kwalunkwe test annwali, u jekk dan ikun separat, il-Pjan ta' Rkupru minn Diżastri tal-IT tas-CRAs.

**Entrata 18 - Tabella Operattiva tar-Riskji**

38. Is-CRAs għandhom jissottomettu t-tabella operattiva tal-ġestjoni tar-riskju tagħhom, li għandha tinkludi l-akbar riskji kif identifikati fil-kuntest tal-proċess tal-ġestjoni tar-riskju tas-CRAs. Jekk is-CRAs għandhom tabelli operattivi separati għar-riskji għas-sigurtà tal-IT u tal-informazzjoni, is-CRAs għandhom jipprovdu dawn id-dokumenti wkoll.

### 5.3.2.3 Rapportar tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni

**Entrata 19 - Strateġija tal-IT**

39. Is-CRAs jissottomettu kopja tal-istrateġija tal-IT tagħhom.

**Entrata 20 - Il-Ktieb tax-Xogħol tal-IT: Proġetti tal-IT**

40. Is-CRAs għandhom jissottomettu informazzjoni dwar il-progress jew it-tlestija ta' proġetti tal-IT ewlenin billi jimlew il-Mudell 10 [Il-Ktieb tax-Xogħol tal-IT]. Għal dan il-għan, Proġetti tal-IT Ewlenin huma dawk il-proġetti tal-IT li jappoġġaw u jtejbu l-operazzjoni ta' proċess tal-klassifikazzjoni ta' kreditu ta' CRA (inklużi l-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-klassifikazzjoni), l-iżvilupp tal-metodoloġija, il-validazzjoni tal-metodoloġija, ir-rieżami tal-metodoloġija u l-proċessi kummerċjali jew tal-iżvilupp tan-negozju.

### 5.3.2.4 Finanzi, FTE u Numru ta' Impjegati

**Entrata 21 - Numru ta' Persunal u Indikaturi Oħrajn**

41. Is-CRAs għandhom jissottomettu l-Mudell 11 [Numru ta' Persunal u Indikaturi Oħrajn] li jipprovdi informazzjoni dwar l-Impjegati Full-Time (FTE) totali fil-livell tal-UE u Globali, fejn jipprovdu tqassim tan-numru ta' persunal skont l-oqsma li ġejjin:

- Analitika
- Teknoloġija tal-Informatika
- Sigurtà tal-Informazzjoni
- Konformità
- Verifika Interna
- Ġestjoni tar-Riskju

42. Is-CRAs għandhom jissottomettu l-Mudell 11 [Numru ta' Persunal Indikaturi Oħrajn] li jipprovdi informazzjoni dwar in-numru ta' applikazzjonijiet ta' klassifikazzjoni tal-IT li qed jintużaw, il-proġetti tal-IT li jkunu għaddejjin tul l-oqsma li ġejjin:

- Proċess ta' Klassifikazzjoni
- L-Iżvilupp tal-Metodoloġija, il-validazzjoni u r-rieżami
- Il-Proċess ta' Żvilupp Kummerċjali u tan-Negozju

**Entrata 22 - Dħul u Spejjeż**

43. Is-CRAs għandhom jissottomettu l-Mudell 12 [Finanzi], biex jipprovdu tqassim tal-ispejjeż u d-dħul iġġenerati mill-klassifikazzjonijiet ta' kreditu u prodotti jew servizzi oħrajn (inklużi s-servizzi anċillari) għas-sena kalendarja preċedenti. Għal prodotti jew servizzi oħrajn, is-CRAs għandhom jinkludu deskrizzjoni qasira ta' kull tip ta' prodott jew servizz irrapportat. L-ispejjeż u d-dħul għandhom jiġu ddeterminati skont l-istess prinċipji kontabilistiċi użati fit-tħejjija tar-rapporti finanzjarji tas-CRA.

44. Għall-klassifikazzjonijiet ta' kreditu, is-CRAs għandhom jirrapportaw id-dħul annwali maqsum skont it-tipi tal-klassifikazzjonijiet ta' kreditu li ġejjin: Finanzi Mhux Korporattivi; Finanzi Korporattivi; Assigurazzjoni Korporattiva; Finanzjament Sovran / Pubbliku; Finanzjament Strutturat; Bonds Koperti. Għal prodotti jew servizzi oħrajn, is-CRAs għandhom jirrapportaw id-dħul annwali maqsum skont kull tip ta' prodott jew servizz offrut.

45. Għall-klassifikazzjonijiet ta' kreditu, is-CRAs għandhom jirrapportaw l-ispejjeż annwali skont it-tip tal-klassifikazzjoni ta' kreditu, maqsuma skont l-ispejjeż operattivi u dawk mhux operattivi. L-Ispejjeż Operattivi għandhom jiġu diżaggregati ulterjorment bejn spejjeż ta' kumpens (eż. l-ispejjeż tal-pagi) u spejjeż operattivi oħra. Għal prodotti jew servizzi oħrajn, is-CRAs għandhom jirrapportaw l-ispejjeż annwali għal kull prodott jew servizz, maqsuma skont l-ispejjeż operattivi u dawk mhux operattivi bl-istess mod. L-ispejjeż mhux operattivi jistgħu jinkludu l-imgħax u l-imposti tat-taxxa.

#### 5.3.2.5 Politiki u Proċeduri Interni

**Entrata 23 - Politiki u Proċeduri Interni Attivi**

46. Is-CRAs għandhom jissottomettu l-Mudell 13 [Politiki u Proċeduri] sabiex jipprovdu lill-ESMA lista tal-politiki u l-proċeduri interni attivi kollha relatati mal-konformità tas-CRA mar-Regolament CRA.

47. Fil-każ ta' ebda bidla materjali fil-politiki u l-proċeduri eżistenti matul il-perjodu ta' rapportar, is-CRAs għandhom jikkonfermaw dan billi jissottomettu l-Mudell 13 li jkun jikkonferma li ma kien hemm l-ebda bidla jew żieda materjali fil-politiki u l-proċeduri tagħhom mill-aħħar sottomissjoni skedata.

48. Fil-każ ta' bidla materjali fil-politiki u l-proċeduri eżistenti tas-CRAs matul il-perjodu ta' rapportar, is-CRAs għandhom jissottomettu l-Mudell 13 skont il-kalendarju ta' rapportar perjodiku li jindika l-politiki u l-proċeduri li żdiedu jew inbidlu matul il-perjodu ta' rapportar.

49. Għall-finijiet ta' din l-Entrata u l-Entrata 34, bidla materjali ma għandhiex tinftiehem li tinkludi bidliet magħmula sabiex jiġu kkoreġuti żbalji tipografiċi, jew bidliet editorjali oħra. Għall-finijiet ta' din l-Entrata u l-Entrata 34, żieda mal-politiki u l-proċeduri tas-CRAs għandha tinftiehem bħala l-introduzzjoni ta' politika u proċedura ġodda relatati ma' dik il-konformità tas-CRAs mar-Regolament CRA li ma kinux ġew innotifikati qabel lill-ESMA.

### 5.3.3 Rekwiżiti ta' Rapportar Ad-Hoc

50. Ir-rapportar taħt din l-intestatura għandu jsir malajr kemm jista' jkun f'konformità mal-kalendarju ta' rapportar fit-Taqsima 5.4. Għall-finijiet ta' "malajr kemm jista' jkun", l-ESMA tistenna li tiġi nnotifikata dwar kwistjoni mingħajr dewmien żejjed u li din in-notifika inizjali tiġi segwita b'notifika aktar sostanzjali fi żmien xahar f'każ li ssir disponibbli aktar informazzjoni.

51. Fil-prattika u sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, is-CRAs għandhom jiddeċiedu huma stess x'jikkostitwixxi "malajr kemm jista' jkun" f'sitwazzjoni partikolari, filwaqt li jqisu l-urġenza u s-sinifikat tal-kwistjoni.

#### 5.3.3.1 Notifiki ta' Bidliet Materjali fil-Kundizzjonijiet tal-Bidu għar-reġistrazzjoni

52. L-ESMA tqis "bidla materjali" bħala kwalunkwe bidla li tista' taffettwa l-kundizzjonijiet inizjali tar-reġistrazzjoni tas-CRAs jew il-konformità tagħha mar-rekwiżiti tar-Regolament CRA. F'dan ir-rigward, is-CRAs għandhom jinnotifikaw lill-ESMA bi kwalunkwe bidla materjali fil-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni tal-bidu tagħhom inklużi iżda mhux limitati għall-kwistjonijiet li ġejjin:

**Entrata 24 - Ftuħ u Għeluq ta' Fergħat**

53. Is-CRAs għandhom jinnotifikaw lill-ESMA bi kwalunkwe deċiżjoni li jiftħu fergħa ġdida jew li jagħlqu fergħa eżistenti ta' waħda mill-entitajiet legali tagħhom.

**Entrata 25 - Użu tal-Approvazzjoni**

54. Is-CRAs għandhom jinnotifikaw lill-ESMA bi kwalunkwe deċiżjoni li jibdew japprovaw il-klassifikazzjonijiet ta' kreditu minn ġurisdizzjoni ġdida ta' pajjiż terz, jew li jwaqqfu l-approvazzjoni tal-klassifikazzjonijiet ta' kreditu minn ġurisdizzjoni eżistenti ta' pajjiż terz.

**Entrata 26 - Kontinwità tad-Dritt għall-Eżenzjonijiet**

55. Is-CRAs għandhom jinnotifikaw lill-ESMA bi kwalunkwe bidla fl-attivitajiet tan-negozju eżistenti tagħhom, l-istruttura korporattiva, il-livelli ta' persunal jew fatturi oħrajn li jistgħu jirriżultaw li ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minn eżenzjoni għal ċertu/ċerti rekwiżit(i) tar-Regolament CRA, mogħtija meta ssir ir-reġistrazzjoni.

**Entrata 27 - Arranġamenti ta' Esternalizzazzjoni**

56. Is-CRAs għandhom jinnotifikaw lill-ESMA dwar bidliet materjali fl-esternalizzazzjoni ta' kwalunkwe funzjoni operattiva importanti nnotifikata lill-ESMA skont l-Artikolu 25 tar-Regolament ta' Delega 449/2012[6]. Din in-notifika għandha tinkludi spjegazzjoni dwar kif u għaliex il-bidla materjali mhu se jkollha l-ebda riskju materjali fuq il-kontroll intern tas-CRAs u l-kapaċità tal-ESMA li tissorvelja l-konformità tas-CRAs mal-obbligi skont ir-Regolament CRA.

**Entrata 28 - Forma Legali**

57. Is-CRAs għandhom jinnotifikaw lill-ESMA bi kwalunkwe bidla fil-forma legali tagħha. Din in-notifika għandha ssir kemm jista' jkun malajr qabel il-bidla u għandha tinkludi deskrizzjoni tal-azzjonijiet meħuda u r-raġunament.

---

[6] Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 449/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 rigward standards tekniċi regolatorji dwar informazzjoni għar-reġistrazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni ta' kreditu.

**Entrata 29 - Struttura tan-Negozju**

58. Is-CRAs għandhom jinnotifikaw lill-ESMA bi kwalunkwe bidla fl-istruttura tan-negozju tagħhom inkluża kwalunkwe riorganizzazzjoni interna jew ristrutturar tal-attivitajiet tagħhom bħal *spin-offs* għal entitajiet fi gruppi jew entitajiet esterni oħrajn.

**Entrata 30 - Attivitajiet tan-Negozju**

59. Is-CRAs għandhom jinnotifikaw lill-ESMA bi kwalunkwe bidla fl-offerti tan-negozju tas-CRAs, dan jinkludi l-provvista ta' klassi ġdida ta' assi, servizz ġdid u t-tnedija ta' prodott ġdid jew fin-negozju tal-klassifikazzjoni jew mhux tal-klassifikazzjoni.

**Entrata 31 - Bidla fl-Istruttura tas-Sjieda**

60. Is-CRAs għandhom jinnotifikaw lill-ESMA bi kwalunkwe bidla fl-istruttura tas-sjieda tagħhom. Din in-notifika għandha tinkludi l-akkwiżizzjoni ta' ċessjoni ta' azzjonijiet 'il fuq minn 5 % tal-kapital tal-ishma maħruġ tas-CRA.

**Entrata 32 - Bidla fis-Sħubija tal-Bord Superviżorju / Amministrattiv**

61. Is-CRAs għandhom jużaw il-Mudell 14 [Dettalji tal-Membri tal-Bord] sabiex jinnotifikaw lill-ESMA bi kwalunkwe bidla fis-sħubija tal-Bord Superviżorju jew Amministrattiv tagħhom. Fil-każ ta' membru ġdid, is-CRAs għandhom jippreżentaw ukoll verżjoni aġġornata tal-mudell[7].

**Entrata 33 - Bidla fil-Funzjoni ta' Konformità jew Funzjoni ta' Rieżami**

62. Is-CRAs għandhom jinnotifikaw lill-ESMA bi kwalunkwe bidla sinifikanti fil-kompożizzjoni, fl-istruttura jew fl-organizzazzjoni tal-funzjonijiet ta' konformità u ta' rieżami intern tagħhom. Din in-notifika għandha tiffoka fuq li tinforma lill-ESMA fejn ikun hemm bidla sinifikanti fin-numru ta' persunal, fil-maniġment superjuri jew fir-responsabbiltajiet interni u r-raġuni għall-bidliet.

**Entrata 34 - Bidla fil-Proċeduri użati f'attivitajiet tal-klassifikazzjoni ta' kreditu**

63. Fil-każ ta' bidla materjali fil-politiki u fil-proċeduri eżistenti ta' CRA jew l-introduzzjoni ta' politika u proċedura ġodda relatati mal-konformità tas-CRA mar-Regolament CRA, is-CRAs għandhom jissottomettu verżjoni aġġornata tal-Mudell 13 [Politiki u Proċeduri].

64. Meta jipprovdu l-mudell, is-CRAs għandhom jindikaw il-politika u l-proċedura li tkun inbidlet jew żdiedet, flimkien ma' spjegazzjoni tar-raġunament wara l-bidla jew iż-żieda. F'dan ir-rigward, bidla materjali ma tinkludix il-korrezzjoni ta' żbalji tipografiċi, bidliet f'termini definiti jew bidliet editorjali oħrajn.

---

[7] Kwalunkwe notifika taħt din l-entrata hija mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tas-CRA skont l-Artikolu 15 "Idoneità u Adegwatezza" tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 449/2012, li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009);

65. Id-dokument aġġornat li wassal għan-notifika għandu jiġi pprovdut ukoll flimkien mal-mudell immarkat bit-track changes.

**Entrata 35 - Riżorsi Finanzjarji**

66. Is-CRAs għandhom jinnotifikaw lill-ESMA bi kwalunkwe bidla materjali fis-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom. Dan għandu jinkludi kwalunkwe bidla fl-istruttura tal-kapital tagħhom jew kwistjonijiet li jistgħu jaffettwaw il-vijabbiltà tagħhom bħala negozji attivi.

**Entrata 36 - Sistemi tal-Proċessi tal-IT u tal-Ipproċessar tal-Informazzjoni**

67. Is-CRAs għandhom jikkompletaw il-Mudell 15 [Sommarju tat-Teknoloġija tal-IT] biex jinnotifikaw lill-ESMA bi kwalunkwe bidla kbira fis-sistemi tal-proċessi tal-IT u tal-ipproċessar tal-informazzjoni li jappoġġaw il-proċess tal-klassifikazzjoni. L-informazzjoni inkluża f'dan il-mudell għandha tkun limitata għall-applikazzjonijiet u s-sistemi tal-IT li jappoġġaw kull element mill-proċess tal-klassifikazzjoni ta' kreditu, ir-rieżamijiet u l-iżvilupp tal-metodoloġija/mudelli u l-iżvilupp tan-negozju / il-proċessi kummerċjali. Is-CRAs għandhom jinnotifikaw lill-ESMA biss meta jkun hemm bidla f'waħda minn dawn l-applikazzjonijiet. Dan il-mudell għandu jiġi nnotifikat fuq bażi inizjali ta' darba, u minn hemm 'il quddiem fuq bażi ad-hoc.

68. Is-CRAs għandhom jikkompletaw il-Mudell 16 [Notifika tal-IT dwar il-Cloud Computing] biex jinnotifikaw lill-ESMA dwar l-ingaġġ ta' fornitur tas-servizzi tal-cloud computing min-naħa tas-CRA biex jappoġġa l-proċess tal-klassifikazzjoni ta' kreditu, ir-rieżamijiet u l-iżvilupp tal-metodoloġija/mudelli u l-iżvilupp tan-negozju / il-proċessi kummerċjali tagħhom. F'dan ir-rigward, is-CRAs għandhom jinnotifikaw lill-ESMA billi jużaw l-ewwel tabella tal-Mudell 16 malajr kemm jista' jkun wara l-ingaġġ, bil-Mudell sħiħ li għandu jiġi pprovdut wara t-tlestija tal-proġett ta' esternalizzazzjoni. Għal kwalunkwe bidla relatata mal-ftehim ta' esternalizzazzjoni mal-Fornitur tas-Servizz Cloud, is-CRAs għandhom jerġgħu jissottomettu l-Mudell 16 [Notifika tal-IT dwar il-Cloud Computing] fejn jenfasizzaw il-bidliet.

#### 5.3.3.2 Bidliet Mhux Materjali fin-Notifiki ta' Reġistrazzjoni

**Entrata 37 - Identifikazzjoni ta' żbalji fil-metodoloġiji / proċessi tal-mudell**

69. Is-CRAs għandhom jikkompletaw il-Mudell 17 [Żball] biex jipprovdu informazzjoni dwar żbalji fil-metodoloġiji jew fil-mudelli tas-CRAs tagħhom f'konformità mal-Q&A tal-ESMA dwar l-identifikazzjoni ta' żbalji fil-metodoloġiji jew fil-mudelli[8] [.

**Entrata 38 - CRA IT u notifiki ta' inċidenti ta' sigurtà tal-informazzjoni**

70. Is-CRAs għandhom jikkompletaw il-Mudell 18 [in-Notifika tal-IT u Inċident ta' Sigurtà tal-IT] sabiex jipprovdu informazzjoni dwar kwalunkwe inċident tal-IT jew tas-sigurtà tal-

[8] Mistoqsija 8 tal-Mistoqsijiet u t-Tweġibiet tal-ESMA dwar l-Implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 462/2013 dwar l-Aġenziji tal-Klassifikazzjoni ta' Kreditu

informazzjoni li jkollu impatt fuq l-operat tan-negozju tal-klassifikazzjoni ta' kreditu tas-CRA skont ir-Regolament CRA.

71. Is-CRAs għandhom jissottomettu notifika inizjali fi żmien 24 siegħa minn meta jsiru jafu dwar l-inċident u jissottomettu notifika ta' segwitu fi żmien xahar min-notifika inizjali.

**Entrata 39 - Kalendarju tal-Klassifikazzjoni Sovrana**

72. Is-CRAs għandhom jissottomettu lill-ESMA l-kalendarju għall-azzjonijiet tal-klassifikazzjoni sovrana għas-sena li jkun imiss li huwa ppubblikat fuq is-sit web tas-CRA skont ir-Regolament CRA. F'każijiet fejn CRA tiddevja mill-kalendarju u s-CRA tippubblika kalendarju emendat fuq is-sit web tagħha, is-CRA għandha tipprovdi dan il-kalendarju aġġornat lill-ESMA bi spjegazzjoni dettaljata dwar ir-raġunijiet għad-devjazzjoni.

**Entrata 40 - Notifika ta' Metodoloġija Ġdida / Bidla fil-Metodoloġija eżistenti**

73. Is-CRAs għandhom jikkompletaw il-Mudell 19 [Metodoloġiji] sabiex jipprovdu lill-ESMA informazzjoni wara l-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe metodoloġija ġdida, jew bidla f'metodoloġija eżistenti jew mudell sottostanti. Dan il-mudell għandu jiġi sottomess wara t-tlestija ta' kwalunkwe konsultazzjoni mwettqa fir-rigward tal-Artikolu 8(5a) tar-Regolament CRA, u huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi kontinwi tas-CRA skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament CRA.

**Entrata 41 - Klassifikazzjonijiet ta' Kreditu Approvati**

74. Is-CRAs għandhom jinnotifikaw lill-ESMA bir-riżultati ta' kwalunkwe rieżami intern li twettaq mis-CRA skont il-Linja Gwida 4.2, Linja 17 tal-Linji Gwida tal-ESMA dwar l-Applikazzjoni tar-Reġim ta' approvazzjoni. Tali notifika għandha tinkludi aġġornament dwar il-passi xierqa meħuda mis-CRA.

**Entrata 42 - Ilmenti Interni sottomessi lid-Dipartiment tal-Konformità**

75. Wara li d-Dipartiment tal-Konformità ta' CRA jirċievi lment fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament CRA, dan għandu jikkompleta l-Mudell 2b [Ilmenti Interni] biex jinnotifika lill-ESMA l-informazzjoni li ġejja:

- Deskrizzjoni tal-kontenut tal-ilment;
- L-azzjonijiet ta' segwitu mwettqa mis-CRA;
- Informazzjoni dwar jekk tkunx infetħet investigazzjoni interna bħala konsegwenza, inkluż jekk l-investigazzjoni tkunx għaddejja jew tkunx ingħalqet fid-data tar-rapportar; meta l-investigazzjoni tkun ingħalqet, kopja ta' kwalunkwe rapport konsegwenti magħmul fir-rigward tal-investigazzjoni.

76. Din in-notifika għandha tiġi pprovduta skont it-Taqsima 5.3.3 ta' dawn il-Linji Gwida.

**Entrata 43 - Każijiet potenzjali u attwali ta' nuqqas ta' konformità mar-Regolament CRA**

77. Għar-rapportar taħt din l-entrata, is-CRAs għandhom jikkompletaw il-Mudell 2c [Ksur Attwali jew Potenzjali] biex jipprovdu informazzjoni dwar każijiet possibbli li jistgħu jirriżultaw f'nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe kundizzjoni inizjali għar-reġistrazzjoni, inklużi:

- Deskrizzjoni ta' kull każ li jista' jirriżulta f'nuqqas ta' konformità possibbli mal-kundizzjonijiet inizjali għar-reġistrazzjoni inklużi każijiet li jirriżultaw mill-attivitajiet imwettqa minn kwalunkwe funzjoni ta' kontroll;
    - Dikjarazzjoni tar-raġunijiet għaliex irriżulta tali każ;
    - Dikjarazzjoni tal-azzjonijiet meħuda mis-CRA wara l-identifikazzjoni tal-każ ikkonċernat;
    - Dikjarazzjoni dwar jekk infetħitx investigazzjoni interna rigward il-każ ikkonċernat u dwar jekk tali investigazzjoni hijiex għaddejja jew tkunx ingħalqet; u meta tkun ingħalqet, tingħata kopja ta' kwalunkwe rapport konsegwenti magħmul fir-rigward tal-investigazzjoni.

78. Din in-notifika għandha tiġi pprovduta skont it-Taqsima 5.3.3 ta' dawn il-Linji Gwida.

## 5.3.4 Tariffa superviżorja u kalkoli tas-sehem mis-suq tas-CRA

**Tariffa superviżorja**

79. Għall-finijiet tal-kalkolu tat-tariffi superviżorji, is-CRAs għandhom jissottomettu lill-ESMA l-kontijiet ivverifikati annwali tagħhom għas-sena ta' qabel, mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju ta' kull sena.

80. Il-bażi għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja huwa d-dħul iġġenerat mill-attivitajiet ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u s-servizzi anċillari tas-CRA. CRA li tipprovdi servizz jew servizzi għajr klassifikazzjonijiet tal-kreditu għandha tipprovdi lill-ESMA deskrizzjoni ddettaljata ta' dan(dawn) is-servizz(i) sabiex b'hekk l-ESMA tkun tista' tivvaluta jekk isservizz(i) kkonċernat jikkostitwixxi servizz mhux ta' klassifikazzjoni, servizz mhux anċillari jew servizz anċillari.

81. Meta CRA, bi dħul totali annwali ta' mill-inqas EUR 10 miljun, tidentifika dħul bħala wieħed iġġenerat minn attivitajiet mhux ta' klassifikazzjoni u/jew servizzi mhux anċillari, is-CRA għandha tipprovdi lill-ESMA b'deskrizzjoni ddettaljata ta' dawn l-attivitajiet u sservizzi. Dan sabiex l-ESMA tkun tista' tivvaluta jekk id-dħul iġġenerat minn dawn lattivitajiet u servizzi huwiex eliġibbli għal tnaqqis mill-fatturat applikabbli. L-ammonti li

jikkorrispondu għal dawk l-attivitajiet mhux ta' klassifikazzjoni u s-servizzi mhux anċillari għandhom jiġu ċċertifikati b'mod xieraq mill-awdituri esterni tas-CRA[9].

82. Meta CRA bi dħul totali annwali ta' mill-inqas EUR 10 miljun tipprovdi attivitajiet ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u servizzi anċillari lil klijenti differenti, tista' titlob li tnaqqas iddħul mitlub mill-kalkolu tad-dħul iġġenerat mis-servizzi anċillari. Is-CRA għandha tipprovdi lill-ESMA b'deskrizzjoni ddettaljata tal-istruttura interna tagħha, kif ukoll bilpolitiki, il-proċessi u l-proċeduri rilevanti, jekk jeżistu. Dan sabiex l-ESMA tkun tista' tivvaluta, fuq bażi ta' każ b'każ, jekk ir-riżultat huwiex l-għoti ta' servizzi lil klijenti differenti u b'hekk jiġu eliminati kunflitt ta' interess potenzjali u l-ħtieġa għal skrutinju superviżorju. Abbażi ta' dan, l-ESMA tkun tista' tivvaluta jekk id-dħul iġġenerat minn bażijiet differenzjati ta' klijenti huwiex eliġibbli għal tnaqqis mill-fatturat applikabbli. Lammonti li jikkorrispondu għad-dħul iġġenerat minn servizzi anċillari li jingħataw lil klijenti differenti li ma jirċevux servizzi ta' klassifikazzjoni fis-sena finanzjarja applikabbli għandhom jiġu ċċertifikati kif xieraq mill-awdituri esterni tas-CRA fuq bażi ta' klijent bi klijent u fuq bażi aggregata. Kwalunkwe tibdil fl-istruttura tas-CRA jew fil-politiki, filproċessi jew fil-proċeduri rilevanti rigward l-għoti ta' servizzi anċillari lil klijent partikolari għandu jiġi kkomunikat lill-ESMA mingħajr dewmien żejjed.

83. Għall-fini tal-kalkolu msemmi hawn fuq u l-valutazzjoni tan-nuqqas ta' kunflitt ta' interessi potenzjali, "klijent" tfisser kwalunkwe klijent fi ħdan it-tifsira tat-terminu kif definit fl-aħħar paragrafu tal-punt 2 tal-Parti II tat-Taqsima E tal-Anness I għar-Regolament CRA li ma jirċievi l-ebda servizz ta' klassifikazzjoni mill-grupp tas-CRA[10].

84. Meta CRA titlob kwalunkwe aġġustament ieħor għall-fatturat applikabbli (bħalleliminazzjoni tat-tranżazzjonijiet bejn il-kumpaniji), is-CRA għandha tipprovdi lill-ESMA b'deskrizzjoni dettaljata tal-aġġustament mitlub u r-raġunijiet għal tali aġġustament. Lammont li jikkorrispondi għal dan l-aġġustament għandu jiġi ċċertifikat b'mod xieraq millawditur estern tas-CRA.

85. Il-kalkolu tat-tariffi superviżorji ta' CRA huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat superviżorji kontinwi tal-ESMA li tivvaluta jekk l-għoti ta' servizzi anċillari minn CRA jikkostitwixxix kunflitt ta' interess potenzjali u, meta dan ikun il-każ, li tadotta miżuri xierqa skont ir-Regolament CRA.

[9] Iċ-ċertifikazzjoni tista' ssir mill-awditur estern tas-CRA permezz ta' mezzi differenti bħal proċeduri speċifikati jew rapport ta' proċedura miftiehem mal-awditur estern tas-CRA, dikjarazzjoni tad-dħul tas-CRA jew l-ammonti mniżżla mill-awditur estern tasCRA, jew bl-inklużjoni ta' din it-talba ta' ċertifikazzjoni fl-inkarigu tal-awditjar mal-awditur estern tas-CRA.

[10] Il-paragrafu finali tal-punt 2 tal-Parti II tat-Taqsima E tal-Anness I għar-Regolament CRA jiddikjara: *"klijent tfisser entità, issussidjarji tagħha, u entitajiet assoċjati li fihom l-entità għandha holdings ta' aktar minn 20 %, kif ukoll kull entità oħra li dwarha nnegozjat l-istruttura tal-ħruġ ta' self f'isem klijent u fejn tħallset tariffa, direttament jew indirettament, lill-aġenzija li tiggrada lkreditu għall-gradazzjoni ta' kreditu tal-ħruġ ta' dak is-self."*

### 5.3.5 Kalkolu tas-sehem mis-suq tas-CRA

86. Hekk kif il-kalkolu tas-sehem mis-suq tas-CRA jsir fuq l-istess bażi bħall-kalkolu tat-tariffi superviżorji, il-linji gwida għall-kalkolu tal-fatturat applikabbli għat-tariffi superviżorji jkunu applikabbli għall-kalkolu tas-sehem mis-suq tas-CRA.

87. Għall-fini tal-kalkolu ta' kull sena tas-sehem mis-suq tas-CRA, is-CRAs b'sena finanzjarja għajr is-sena kalendarja għandhom jipprovdu lill-ESMA bil-kontijiet finanzjarji aġġustati għas-sena kalendarja. L-ammonti li jikkorrispondu għal dawn l-aġġustamenti għandhom jiġu ċċertifikati b'mod xieraq mill-awdituri esterni tas-CRA. CRA tista' tipprovdi wkoll dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati diviżi għal kull tliet xhur jew skont perjodi ta' żmien oħrajn sakemm l-informazzjoni tippermetti lill-ESMA tagħmel il-kalkoli tagħha għas-sehem mis-suq totali u l-kalkolu tat-tariffi superviżorji.

## 5.4 Kalendarji ta' Rapportar

Ara l-Anness I.

## 5.5 Mudelli ta' Rapportar

Ara l-Anness II.